**SECONDARY SCHOOLS ANNUAL EXAMINATIONS 2001**
Educational Assessment Unit – Education Division

| **FORM 2** | **STORJA TA' MALTA** | **TIME: 1h 30min** |
|---|---|---|

**Name:** ________________________________________ **Class:** _________

**A. Wieġeb billi tagħmel sing taħt ir-risposta t-tajba.**

1. In-Normanni ġew minn (Sqallija – Ruma - Ateni) u kienu mmexxija minn (Dragut – Barbarossa – Il-Konti Ruġġieru). (2 marki)

2. Fi żmien in-Normanni l-Għarab (tkeċċew minn Malta – baqgħu jgħixu hawn Malta) u xhieda ta' dan hija (Iċ-Ċippus – Il-Ħaġra ta' Majmuna – L-Agape). (2 marki)

3. L-Anġuvini ġew minn (Franza – l-Italja – Spanja) filwaqt li l-Aragoniżi ġew (mill-Ingilterra – minn Spanja – mill-Ungerija). (2 marki)

4. Il-Maltin (ma kienux kuntenti taħt is-Sinjuri Fewdatarji – kienu kuntenti taħt is-Sinjuri Fewdatarji) u għaldaqstant kienu jridu (li jerġgħu jingħaqdu mal-Kuruna – li jibqgħu taħthom). (2 marki)

5. (Ir-Rumani - Il-Biżantini – Il-Pirati) kienu ta' spiss jinżlu fuq ix-xtut ta' gżiritna u jħallu (il-ġid – il-ħerba) (2 marki)

6. Il-Kavallieri ta' San Ġwann bdew (f'Ċipru – Rodi – L-Art Imqaddsa) u l-ewwel xogħol tagħhom kien dak ta' (suldati – infermiera – baħrin). (2 marki)

7. ŻEWĠ PRODOTTI tar-raba Maltija fiżmien l-Aragoniżi kienu (il-kemmun – l-għeneb – l-pastard) ( 2 marki)

8. Il-post fejn jiltaqgħu l-Lhud biex jitolbu kien jissejjaħ (Knisja – Moskeja – Sinagoga) u l-kwartier li kienu joqogħdu fih jissejjaħ (Ghetto – Kontrada – Periferija) (2 marki)

9. Kristofru Kolombu telaq (minn Spanja – mill-Portugal – minn Franza) u qasam l-Oċejan (Atlantiku – Paċifiku). (2 marki)

10. Fl-Assedju l-Kbir li seħħ fl-(1563 – 1565 – 1566) il-Kavallieri u l-Maltin issieltu kontra (il-Berberi – il-Vandali – it-Torok). (2 marki)

(20 marka)

**B. Qabbel dawn li ġejjin billi tqiegħed in-numru adattati fil-kaxxi li hemm fit-tieni kolonna. In-numru 1 qiegħed jingħata bħala eżempju.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | qoton | Belt Kapitali | |
| 2. | tributarji | Rappreżentant tas-Sultan fi Sqallija | |
| 3. | La Valette | ħallew fdalijiet ta' ċimiterju f'Għawdex | |
| 4. | Gonsalvo Monroy | Prodott tar-Raba Maltija | 1 |
| 5. | Kavalieri | Uffiċjali tal-Gvern | |
| 6. | Nafra | Sejħa għat-taqbida | |
| 7. | Ruġġieru II | L-Assedju l-Kbir | |
| 8. | L-Anġuvini | Salib bi Tmien Ponot | |
| 9. | Università | Sinjur Fewdatarju | |
| 10. | Vicere | Iħallsu l-ħaraġ | |
| 11. | Mdina | Sultan ta' Sqallija u Malta | |

(10x1=10 marki)

**Ċ. Spjega xi jfissru dawn il-kliem:-**

1. Sors Primarju ____________________________

2. Sors Sekondarju ____________________________

3. Qadi ____________________________

4. Kaptan tal-Virga ____________________________

5. Dejma ____________________________

(5x2=10 marki)

**D. Poġġi dawn l-avvenimenti wara xulxin meta ġraw.**
**In-numru 1 qiegħed jingħata bħala eżempju.**

| | |
|---|---|
| L-Attakk ta' Dragut (1551) | |
| Malta taqa' f'idejn l-Aragoniżi | |
| L-Assedju l-Kbir | |
| L-Għarab f'Malta | 1 |
| Il-Miġja tal-Konti Ruġġieru | |
| L-Irvell kontra Monroy | |

(5x1=5 marki)

**E. Ħamsa minn dawn l-affarijiet għandhom rabta mal-Kavalieri ta' San Ġwann. Għamel sing taħtha.**

| | | |
|---|---|---|
| Assizi | Xini | Berġa |
| Sptar | qoton | Salib bi Tmien Ponot |
| Kemmun | Xabla | |

(5x1= 5 marki)

**F. Aqra din is-silta sewwa u wieġeb id-domandi kollha.**



Fis-sena 1551, Dragut b'għaxart elef ruħ ħarbat lil Malta. L-istoriċi Maltin igħidulna li waħda soru ta' San Benedittu ta' l-Imdina kelha dehra mis-sema li fiha Sant'Agta nebbħitha li jekk iqiegħdu x-xbieha tagħha fuq is-swar ta' l-Imdina, it-Torok jitwerwru u jaħirbu.
Missirijetna hekk jingħad li għamlu u Sant'Agta minn dak l-żmien, qisuha bħala patruna sekondarja ta' Malta. Minn hawn Dragut dar għal Għawdex u qabad tista' tgħid lil kulħadd ilsir minbarra x-xjuħ. Minn Għawdex baqa' sejjer Tripli, u rnexxielu jirbaħha wkoll u jkeċċi minn hemm il-kavallieri darba għal dejjem.

1. Min kien qed jaħkem fuq il-Gżejjer Maltin fl-1551?

______________________________ (2 marki)

2. Min kien Dragut?

______________________________ (2 marki)

3. Għal liema belt ħabat Dragut?

______________________________ (2 marki)

4. Ta' min hija l-istatwa li tidher fl-istampa? ____________ (2 marki)

u għaliex qiegħda titqiegħed hemm? ____________

______________________________ (2 marki)

5. Għal liema postijiet ħabat Dragut wara li telaq minn Malta?

____________ (1) ____________ (1)

6. X'sar wara dan l-inċident biex tiġi msaħħa d-difiża ta' Malta?

______________________________

______________________________ (2 marki)

(14-il marka)

G.



1. Ma liema ġens partikulari norbtu din l-istampa?

____________ (2 marki)

2. Semmi żewġ affarijiet li qed tara f'din l-istampa?

____________ (1) ____________ (1)

3. Il-ġens marbut ma' din l-istampa kien ifaħħar l'Alla f'post li kien jissejjaħ ____________ (2) u kienu joqogħdu f'post partikulari li kien jissejjaħ ____________ (2).



4. Din l-istampa għandha rabta mal-ġens indikat minnek. fl-ewwel risposta ta' dan l-eżerċizzju. Iddeskrivu x-xena li qed tara fl-istampa?

   ________________________________________________________________

   ________________________________________________________________ (2 marki)

   u għid għaliex qed iseħħ dak li qed tara fl-istampa?

   ________________________________________________________________

   ________________________________________________________________ (2 marki)

(12-il marka)

**H. Ikteb komponiment fuq waħda minn dawn li ġejjin:**

1. Il-Miġja tan-Normanni f'Malta.

2. Gonsalvo Monroy u l-Gżejjer Maltin.

3. Immaġina li kont baħri fuq il-vjaġġ li għamel Kolombu li wassal għall-iskoperta ta' l-Amerika. Ikteb ittra lill-familja li fiha tfisser dan il-vjaġġ.

4. Fiż-żminijiet tan-nofs, il-qoton, il-kemmun u l-għeneb kienu l-Iżjed prodotti mportanti tar-raba maltija. kteb dwarhom.

5. Immaġina li kont tgħix f'raħal f'Malta fiż-żmenijiet tan-nofs u smajt li ġejjin il-pirati. Spjega x'tagħmel. Int u niesek biex neħles minn dan il-periklu.

(24 marka)